

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Medjazzjoni > Medjazzjoni Tal-familja > Medjazzjoni Tal-familja > Italy

## Medjazzjoni tal-familja



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

Il-medjazzjoni tal-familja (*mediazione familiare*) hija proċess li l-konjuġi jew is-sħab li jgħaddu minn diffikultajiet jistgħu b'mod volontarju jiddeċiedu li jużaw sabiex isolvu t-tilwima tagħhom bl-involvement ta' medjatur (*mediatori*) *professionali* wieħed jew aktar. Il-kompitu tal-medjaturi huwa li jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u jgħinu lill-koppja tindirizza l-aspetti emozzjonali, materjali u *legali* tas-separazzjoni (id-diviżjoni tal-assi, il-ħlasijiet tal-manteniment, l-allokkazzjoni tad-dar matrimonjali, *laqgħat u aċċess għall-ulied minuri*, eċċ.). Il-kompitu tagħhom jinkludi wkoll li jħeġġu lill-koppja tagħti struttura lill-ftehimiet li jissodisfaw l-aħjar il-bżonnijiet tal-membri tal-familja kollha.

Il-medjazzjoni hija rregolata, f'termini ġenerali, mid-Digriet Leġiżlattiv Nru 28 tal-4 ta' Marzu 2010, kif emendat, dwar l-*Implimentazzjoni tal-Artikolu 60 tal-Liġi Nru 69 tat-18 ta' Ġunju 2009, dwar il-medjazzjoni għall-għanijiet ta' soluzzjoni ta' tilwim ċivili u kummerċjali*.

Din il-liġi tistabbilixxi l-proċedura għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar drittijiet trasferibbli (*diritti disponibili*) barra mill-qorti. Għal uħud mill-materji msemmija espressament, il-medjazzjoni minn qabel hija prerekwiżit għall-ammissibbiltà tal-att promotur.

F'materji dwar il-liġi tal-familja, it-tilwim biss dwar ftehimiet ta' negozju tal-familja (jiġifieri kuntratti li permezz tagħhom is-*sid tan-negozju* jittrasferixxi, b'mod sħiħ jew parzjali, l-*impriża* tiegħu lil dixxendent wieħed jew aktar) jirrikjedi medjazzjoni *obbligatorja* minn qabel.

Għal tilwim ieħor dwar kwistjonijiet tal-familja l-medjazzjoni hija volontarja.

Madankollu, fi proċedimenti ta' kustodja tal-minuri l-qorti tista' tipposponi d-deċiżjoni tagħha sabiex il-konjuġi, bl-għajnuna tal-esperti, ikunu jistgħu jagħmlu tentattivi ta' medjazzjoni sabiex jilħqu ftehim, b'mod partikolari fir-rigward tal-interessi morali u materjali tal-wild jew ulied.

Il-medjazzjoni tista' ssir fi jew permezz ta' entitajiet pubbliċi jew privati mdaħħla debitament fir-reġistru tal-entitajiet ta' medjazzjoni (registro degli organismi di mediazione) miżmum mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Il-lista ta' entitajiet ta' medjazzjoni tinsab fuq is-[sit web](#) segwenti:

L-avukati rreġistrati mal-Kamra tal-Avukati Taljana huma medjaturi bid-dritt.

F'ħafna muniċipalitajiet, iċ-ċentri għal pariri dwar il-familja, is-servizzi soċjali jew l-awtoritajiet tas-saħħa lokali jipprovdu aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni tal-familja (*servizi di mediazione familiare*).

Proċedura oħra — li hija differenti mill-medjazzjoni iżda li hija intiża wkoll biex jiġi solvut it-tilwim barra mill-qorti — hija n-negozjar assistit (*negoziiazione assistita*). Dan huwa rregolat permezz tad-Digriet Liġi Nru 132 tat-12 ta' Settembru 2014, ikkonvertit b'emendi permezz tal-Liġi Nru 162 tal-10 ta' Novembru 2014.

In-negozjar assistit jirreferi għal ftehim (magħruf bħala "ftehim ta' negozjar" (*convenzione di negoziiazione*)) li permezz tiegħu l-partijiet jaqblu li "jikkoperaw f'*bona fide* biex isolvu t-tilwim bonarjament". Sabiex il-ftehim ikun

validu, irid isir bil-miktub bl-għajnuna ta' avukat wieħed jew aktar, u jrid jikkonċerna drittijiet trasferibbli.

B'differenza mill-ftehimiet mil'huqa permezz tal-medjazzjoni, il-ftehimiet ta' negozjar assistit huma eżekutorji. Dan ifisser li jistgħu jiġu rreġistrati ipoteki ġudizzjarji (*ipoteca giudiziale*) *biex ikopru s-selfiet rikonoxxuti mill-partijiet*.

Bħall-medjazzjoni, in-negozjar jista' jkun obbligatorju jew volontarju.

F'materji tal-liġi tal-familja, in-negozjar assistit huwa dejjem volontarju.

Il-liġi tirregola n-negozjar assistit f'materji dwar is-separazzjoni u d-divorzju, bl-għan li jinkiseb ftehim bil-kunsens jew emenda għall-kundizzjonijiet stabbiliti preċedentement.

Għall-koppji li ma jkollhomx ulied minuri (jew ulied adulti inabilitati), il-ftehim jintbagħat lill-prosekutur pubbliku fil-qorti kompetenti li, sa fejn ma jsib l-ebda irregolarità, jinnotifika lill-avukati li m'hemm ebda impediment għall-ftehim.

F'każ ta' koppji b'ulied minuri (jew ulied adulti inabilitati), il-ftehim irid jintbagħat fi żmien 10 ijiem lill-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku fil-qorti kompetenti sabiex dan jivverifika li l-ftehim jiggarrantixxi l-interessi tat-tfal. Jekk il-valutazzjoni tkun pożittiva, il-prosekutur pubbliku jawtorizzah. Jekk le, huwa jibagħtu lill-president tal-qorti, li jsejjaħ lill-partijiet fit-30 jum ta' wara.

Il-ftehim mil'huq u awtorizzat b'dan il-mod ikollu l-effetti u jieħu l-post ta' separazzjoni ġudizzjarja jew ta' provvedimenti ta' divorzju u jbidel il-kundizzjonijiet stabbiliti fihom.

Wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi Nru 76 tal-20 ta' Mejju 2016, il-partijiet jistgħu wkoll jużaw in-negozjar assistit fil-każ ta' xoljiment ta' sħubija bejn persuni tal-istess sess .

---

■ L-aħħar aġġornament: 03/01/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.